MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 968/2003

**Gio Maria sive Gamri Carabott u Stefan Carabott**
**vs**
**Spiridione sive Spiru Bonnici u Carmelo Bonnici**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

PREMESS illi l-atturi jipposjedu u jahdmu diversi porzjonijiet raba fi Xrobb l-Ghagin, limiti ta' Marsaxlokk;

U PREMESS illi l-atturi lhom jaccedu ghar-raba' mahduma minnhom kemm bir-rigel u kemm bl-ingenji;

U PREMESS illi l-konvenuti fil-passat poggew mansab fuq wahda mill-imsemmija raba u zewgt (2) imnasab fuq porzjoni ohra, u dan minkejja l-oppozizzjoni ta’ l-atturi;

U PREMESS illi f’xi zmien f’Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003), l-konvenuti b’mod unilaterali u klandestin ghamlu xoghlijiet li bihom, fuq wahda mill-porzjonijiet raba ziedu zewgt (2) imnasab ohra u ghalqu fetha li kienet taghti access lill-atturi bl-ingenji;

U PREMESS illi inoltre, fuq porzjoni ohra ta’ raba ziedu mansab iehor u wkoll ghalqu fetha li kienet taghti access lill-atturi bl-ingenji;

U PREMESS illi noltre l-konvenuti zerghu sigar fl-imsemmija zewg (2) porzjonijiet raba’ li jinhadmu mill-atturi;

U PREMESS illi dan l-agir illecitu da parti tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti, klandestin u ricenti fil-konfront ta’ l-atturi;

U PREMESS illi qeghdin isofru danni ngenti f’li ma jistghux jikkuraw ir-raba u l-propjeta’ taghhom u l-prodott agrikolu ta’ l-istess raba, ghal liema danni l-konvenuti qeghdin minn issa jinzammu responsabbli;

GHALDAQSTANT jghidu l-konvenuti jew min minnhom ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista’ tkun mehtiega:

1. Tiddikjara illi l-konvenutI, jew min minnhom, ikkommettew spoll vjolenti klandestin u ricenti fil-konfront ta’ l-atturi billi holqu mnasab, irrestringew l-access u zerghu sigar f’porzjonijiet raba mahduma mill-atturi, kif fuq premess;

*2.* Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju ireggghu kollox ghall-istat antecedenti l-agir illegali taghhom *inter alia* billi jnehhu l-

imsemmija mnasab, iwessghu il-fetha ghall-istat originali taghha u jnehhu s-sigar mizrugha minnhom;

*3.* Tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas tal-konvenuti u a spejjez ta’ l-istess konvenuti, jaghmlu huma x-xoghlijiet necessarji u dan taht is-supervizjoni ta’ periti nominandi, jekk ikun il-kaz.

BL-ISPEJJEZ kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u b’riserva ghad-danni.

Rat d-Dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 10 tal-process fejn eccepew**:

1. L-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-eccipjent ma kkommettew ebda spoll vjolenti, klandestin u ricenti fil-konfront tal-atturi kif allegat minnhom.

2. Ghalhekk it-tieni talba tal-atturi ghandha tkun michuda billi ma hemmx lok ghar-reintegrazzjoni pretiza mill-atturi.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata stante li ma hemmx lok ghall-awtorizzazzjoni pretiza mill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din hi kawza fejn l-atturi qed jallegaw li l-konvenuti jew min minnhom, ikkommettew spoll vjolenti klandestin u

ricenti fil-konfront taghhom billi holqu mnasab, irrestringew l-access u zerghu sigar f'porzjonijiet raba' mahduma mill-atturi.

Il-konvenuti wiegbu li huma ma kkommettew ebda spoll.

F'din l-kawza gie allegat spoll fil-konfront taz-zewg konvenuti li ghandhom zewg bicciet raba separati minn xulxin, ghalhekk kull kaz se jigi trattat separatament.

Fil-konfront ta' **Spiridione Bonnici**

Kwantu ghall Spiridione Bonnici jirrizulta mill-provi li wara li l-atturi pprezentaw din il-kawza dan rega qed kollox lura f'postu kif mitlub mill-atturi.

L-atturi xehdu li f'Awissu 2003 kienu sabu l-ghalqa, fejn Spiridione Bonnici kellu dritt juza mansab, maghluqa bil-gebel, kien inbena mansab iehor u nghalaq il-hajt ta' l-ghalqa u thawwlu xi sigar. Huma kkonfermaw li meta fethu din il-kawza, Spiridione Bonnici nehha dak kollu li kien ghamel, jigifieri nehha s-sigar, fetah il-hajt u wkoll nehha l-mansab zejjed. Spiridione Bonnicii jaccetta li kien zbalja u li Stefan Carabott kellu dritt jahrat l-ghalqa kollha nkluz fejn hemm it-tomma tieghu li tinkludi z-zewg imnasab u jzomm ghalih il-prodott tar-raba.

Ghalhekk fil-konfront ta' Spiridione Bonnici l-mertu hu ezawrit.

**Carmelo Bonnici**

Kwantu ghall konvenut Carmelo Bonninci dan jammetti li huwa ghamel fl-ghalqa fejn kellu l-mansab dak li xehedu l-atturi li hu ghamel izda jikkontendi li dak li ghamel ma sarx klandestinament imma bil-konsapevolezza ta' l-atturi kif wkoll bil-kunsens tas-sid ta' ghalqa.

Biex tirnexxi azzjoni ta' spoll "de recenti", l-attur irid jipprova tliet rekwiziti: illi huwa (1) *possedisse*, (2) *spoliatum fuisse*, u (3) *infra bimestre deduxisse*.

L-ezami tal-Qorti ghandu jkun limitat ghall-fatt ta' l-ispoll u tal-pussess. Il-Qorti ma tistax titratta eccezzjonijiet li huma ta' indolu petitorju. Ghalhekk ukoll ma humiex ammissibili dokumenti u provi li jirriferixxu ghal kwistjonijiet li huma ta' natura petitorja. L-*Actio Spolii* “hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta’ utilita’ socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pusses, u jigi impedut lic-cittadin privat jiehu l-gustizzja f’idejh; b’mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat” (Fenech M v. Zammit P, Prim’Awla, 12/4/1958)

Dwar l-allegazzjoni ta’ Carmelo Bonnici li hu kellu il-kunsens tas-sid biex jaghmel ix-xoghol li intraprenda, il-Qorti thoss li hu necessarju li jigi spjegat ir-retroscena ta’ dak li gara.

L-atturi xehedu li huma, u l-precedessuri taghhom, lhom jippossjedu dawn iz-zewg ghelieqi ghal zmien twil u dejjem hadmuhom bhala *full time farmers* u qatt ma kien hemm problemi mal-konvenuti, li kellhom biss l-uzu ta’ dana r-raba ghall skop ta’ insib, L-inkwiet inqala f’Awissu 2003 meta huma marru jidirsu fir-raba u sabu li l-konvenuti kienu holqu mnasab ohra, irrestringew l-access u zerghu sigar fil-porzjonijiet raba' ta’ l-atturi. L-atturi kienu illitigaw mal-konvenuti fuq dan u meta ma waslux bil-kelma t-tajba, marru ghand l-amministratur tal-eghlieqi u dan kien ipprova jirrangahom izda ma ntlahaqx ftehim. Il-konvenut Bonnici beda jikkontendi li hu kellu dritt ukoll fuq ir-raba billi s-sid kien ghamillu ricevuta ghar-raba ukoll mis-sena 2000 il-quddiem.

Il-konvenut Carmelo Bonnici, apparti li jghid li kellu l-kunsens tas-sid, jghid li kien jahdem ukoll dina r-raba bil-konsapevolezza ta’ l-atturi. Naturalment l-atturi ma qablux ma’ dana, u gabu xhieda li huma ilhom ghexieren ta’ snin jahdmu dana r-raba u jghixu minnu.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk meta saru dawn l-atti mill-konvenut l-atturi kellhomx pussess tar-raba in kwistjoni.

Kwantu ghal dan ir-rekwizit, il-pussess mehtieg hu dak materjali u *de facto*, ikun x'ikun, u mhix mehtiega l-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu s-semplici detenzjoni. L-attur dejjem irid jipprova li ghandu "*un possesso di fatto*". Il-pussess fl-ispoljat ma ghandux bzonn ikun ta' zmien twil; dan jista' jkun qasir hafna u sahansitra momentanju.

Il-konvenut Carmelo Bonnici jirritjeni li l-atti li saru qabel it-23 ta' Lulju 2003 ma jistghux ikunu mertu ta' l-azzjoni attrici ghax graw oltre il-perijodu perentorju ta' xaghrejn stabilit mill-Ligi. Hu jghid li fil 1997 kien ha l-ghalqa minghand Benedetto Bonnci u fit-2000 l-art daret b'kera fuq ismu. Imbaghad min mansab wiehed zied tnejn ohra, hadem l-art minghajr habi ta' xejn, zera d-dwieli, il-qamh u l-ful, sewwa l-hajt tas-sejjiegh li jifred l-ghalqa minn dik ta' l-atturi, rranga hajt ta' sejjieh iehor, gab il-hamrija fejn kien hemm in-nieqes, biddel ir-rampa bil-permess ta' l-atturi liema xoghol dam sejjer ix-xhur.

Il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti mill-partijiet u minn dawn il-provi tasal ghall-konkluzzjoni li meta saru l-atti spoliattivi r-raba in kwistjoni kienet fil-pussess ta' l-atturi li kien ghandhom bil-qbiela u jinhadem minnhom waqt li l-konvenut Carmelo Bonnici kellhu biss l-uzu tal-mansab.

Jirrizulta li f'Awissu 2003 meta nqalghu l-problemi l-atturi kellhom il-pussess ta' raba, u kienu jhallsu il-qbiela kif jidher mir-ricevuti li huma esebew partikolarment dik a fol 35 datata 23 ta' Awissu 2003, li minnha jirrizulta li fil-perjodu meta sar l-ispoll is-sid kien hareg ricevuta tal-qbiela lill-atturi, u senjatament lill-attur Stefan Carabott.

Jirrizulta wkoll li f'Marzu 2003 meta harget l-iskema tar-registrazzjoni tal-qbiela kien Stefan Carabott li rregistra din ir-raba fuq ismu u mhux il-konvenuti, Il-kotba tal-qbiela kienu fuq isem Stefan Carabott u mhux fuq Bonnici li ma kienx irregistra r-raba ghalkemm kien obbligat bil-ligi li jirregistraha kieku kien qed jahdimha. Jirrizulta li l-attur

Stefan Carabott huwa *full time farmer* mentri l-konvenut kellu biss mnasab f'dan ir-raba.

L-amministratur ma setghax fl-istess waqt li r-raba kien qed jinhadem bi qbiela ghand l-atturi jghaddi l-istess raba jew parti minnha lill-konvenuti u jithallas il-qbiela minghand l-atturi. (ara ricevuti CB2 1972 -2000 fol 89 et seq fejn l-ircevuti l-ewwel kienu ghal *trapping of birds* u imbaghad f'Awissu 2000 - ara fol 105 - l-perit biddel l-ircevuti u bdew isiru ghall "2 tummoli fields plus 2 mansab Xorb l-Ghagin").

Il-konvenut qed jippretendi li kien intlahaq ftehim quddiem il-perit li kien ipprecedi l-kawza u ghalhekk dan hassar kull allegat spoll.

Il-Perit Austin Attard Montaldo, amministratur tas-sid, jammetti li l-atturi kellhom il-qbiela fuq dina l-art, u li l-konvenuti l-imnasab. Meta nqala l-inkwiet bejn il-kontendenti u dawn marru ghandu, hu pprova jirrangahom. Skond l-atturi l-Perit ppropona li huma jaghtu l-ghalqa lill konvenuti imma naturalment huma m'accettawx. Kien sar attentat ta' ftehim, kif jidher mid-dokumenti AM1 sa AM 3 ezibiti a fol 60 et seq u ghalkemm il-Perit jghid li haseb li kien intlahaq ftehim, hu xehed ukoll li sa dak il-hin, kien hemm kunsens, pero' ftit wara ma ftehmux (ara fol 66). Mid-dokumenti ezibiti jidher li l-perit kien ghamel xi notamenti dwar xoghol li kellu jsir, izda jidher li ma kienx hemm l-adesjoni tal-partijiet ghal dan il-ftehim u lanqas kien hemm il-firem taghhom fuq id-dokumenti li juru l-approvazzjoni taghhom. Dawn id-dokumenti jindikaw x'atti kienu saru mill-konvenuti, li l-atturi kienu qed jilmentaw minnhom, u l-proposti li saru mill-perit biex jitnehhew, izda l-ftehim effettivament baqa' ma ntlahaqx.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-atti spoljattivi saru fil-perjodu ta' Awissu 2003 meta inqala' d-dizgwid bejn il-kontendenti. Il-konvenut beda jaghmel xi xogholijiet li kien issuggerixxa l-perit izda l-atturi ma kienux accettaw il-ftehim billi huma baqghu jsostnu li r-raba kien taghhom u l-konvenuti ma kellhomx ebda jedd ghar-raba hlief ghal mansab. Anke fir-

rigward ta' l-atti spoliattivi li l-konvenut Carmelo Bonnici jaccetta li saru wara Lulju 2003 jirrizulta li s-sigar tal-akacja tnehhew wara li saret il-kawza u ma ngabet ebda prova konklussiva li kien hemm xi adezjoni ta' l-atturi, u fir-rigward tas-sigar l-ohra dawk tax-zebbug, il-Qorti tikkonkludi li dawn ukoll saru nonostante l-opposizzjoni ta' l-atturi li dawn isiru fir-raba li huma kellhom il-pussess taghhom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara illi l-konvenutl kkommettew spoll vjolenti klandestin u ricenti fil-konfront ta' l-atturi billi holqu mnasab, irrestringew l-access u zerghu sigar f'porzjonijiet raba mahduma mill-atturi;
Tiddikjara li fil-konfront tal-konvenut Spiridione Bonnici l-mertu gie ezawrit stante li kollox reggha tpogga lura f'postu kif mitlub mill-atturi;
Tikkundanna lill-konvenut Carmelo Bonnici sabiex fi zmien xahar improrogabbili millum jregggha kollox ghall-istat antecedenti l-agir illegali tieghu billi *inter alia* jnehhi l-mnasab, iwessghu il-fetha ghall-istat originali taghha u jnehhu s-sigar mizrugha minnhom;
Tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas tal-konvenut u a spejjez ta' l-istess konvenut, jaghmlu huma x-xoghlijiet necessarji u dan taht is-supervizjoni tal- Perit Mario Cassar li qed jigi nominat ghal dan l-iskop.

BL-ISPEJJEZ kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------